**MALTA**

**Fit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**
**Magistrat**
**Dr.Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 303/12VG**

**XXX**

**Vs**

**Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**

**Illum 18 ta' Frar 2016**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ipprezentat minn XXX quddiem il-Bord ta' l-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fl-24 ta' Novembru 2011, in segwitu trasferit quddiem dan it-Tribunal, permezz ta' liema jitlob ir-revoka ta' l-istima mahruga kontra tieghu mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ghall-perijodu ta' taxxa 01/01/2010-31/12/2010;

Ra d-dokument, ossia l-istima ghall-perijodu ta' taxxa 01/01/2010-31/12/2010, anness mar-Rikors promotur;

Ra r-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud permezz ta' liema jopponi ghall-appell tar-Rikorrent u jitlob li l-istess jigi michud, bl-ispejjez kontra r-Rikorrent, stante li l-likwidazzjoni ta' taxxa ghall-perijodu 01/01/2010-31/12/2010 hija gusta u timmerita konferma;

Ra d-dokument, ossia *Threshold Exercise Report* datat 26 ta' Mejju 2011, anness mar-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud;

Sema' x-xhieda tar-Rikorrent moghtija waqt is-seduta tal-21 ta' Marzu 2013[1] u ra d-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "MB1" u Dok. "MB2" a fol. 15 u 16 tal-process, sema' x-xhieda ta' Conrad Borg Manchè moghtija waqt is-seduti tal-21 ta' Marzu 2013[2] u ta' l-14 ta' Mejju 2013[3] u ra d-dokument esebit minnu

[1] Fol. 17 sa' 19 tal-process.
[2] Fol. 20 sa' 22 tal-process.

*animo ritirandi* markat Dok. "GV" a fol. 38 tal-process, sema' x-xhieda ta' Kenneth Pisani in rapprezentanza tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) moghtija waqt is-seduta ta' l-14 ta' Mejju 2013[4] u ra d-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "KP1" u Dok. "KP2" a fol. 24 sa' 37 tal-process, sema' x-xhieda ta' Efrem Debono in rapprezentanza tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) moghtija waqt is-seduta tat-8 ta' Ottubru 2013[5] u ra d-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "ED1" u Dok. "ED2" a fol. 51 u 52 tal-process;

Ra li waqt is-seduta tad-9 ta' Ottubru 2014[6] il-Kummissarju tat-Taxxi, già Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud), iddikjara li l-istima mahruga kontra r-Rikorrent ghall-perijodu ta' taxxa 01/01/2010-31/12/10 giet irtirata u permezz ta' Nota pprezentata fit-22 ta' Ottubru 2014[7] l-istess Kummissarju tat-Taxxi esebixxa kopja ta' rendikont aggornat tar-Rikorrent li juri li l-istima in kwistjoni giet irtirata;

Ra li waqt is-seduta tat-13 ta' Novembru 2014[8] il-Kummissarju tat-Taxxi iddikjara li l-istima mahruga fil-konfront tar-Rikorrent giet irtirata mhux ghaliex id-Dipartiment jaccetta l-argument tar-Rikorrent dwar it-*threshold* izda ghaliex deherlu li fil-hrug ta' tali stima huwa mexa b'mod *ultra vires*. Ra li ir-Rikorrent da parte tieghu baqa' jinsisti li t-Tribunal jaghti sentenza dwar l-aggravju principali tieghu, ossia dwar il-kwistjoni tat-*threshold*, talba din opposta mill-Kummissarju tat-Taxxi li ddikjara li ladarba l-istima giet irtirata il-meritu ta' l-appell jinsab ezawrit;

Ra li b'Digriet moghti fid-9 ta' Dicembru 2014[9] it-Tribunal cahad it-talba tar-Rikorrent avvanzata waqt is-seduta tat-13 ta' Novembru 2014, ossia t-talba sabiex nonostante l-fatt li l-istima meritu ta' l-appell giet irtirata mill-Kummissarju tat-Taxxi t-Tribunal xorta wahda jaghti sentenza dwar l-aggravju principali tieghu koncernanti t-*threshold*;

Ra li waqt is-seduta tat-2 ta' Frar 2015 ir-Rikorrent iddikjara li ghalkemm il-meritu ta' dan l-appell jinsab ezawrit, huwa jinsisti fuq il-kap ta' l-ispejjez;

Sema' x-xhieda ta' Roderick Sultana, in rapprezentanza tal-Kummissarju tat-Taxxi, moghtija waqt is-seduta tat-30 ta' Marzu 2015[10], liema xhieda inghatat limitatment dwar il-kap ta' l-ispejjez;

Ra l-atti kollha tal-kawza;

---

[3] Fol. 39 sa' 41 tal-process.
[4] Fol. 42 sa' 49 tal-process.
[5] Fol. 53 sa' 61 tal-process.
[6] Fol. 63 tal-process.
[7] Fol. 64 u 65 tal-process.
[8] Fol. 66 tal-process.
[9] Fol. 68 sa' 71 tal-process.
[10] Fol. 75 u 76 tal-process.

**Ikkonsidra:**

Bil-proceduri odjerni r-Rikorrent ikkontesta stima mahruga kontra tieghu mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ghall-perijodu ta' taxxa 01/01/2010-31/12/2010 u talab li l-istess tigi revokata stante li *when applied with the Department as a small undertaking under Article 11 the Department was informed by means of our application about the nature of our undertaking and threshold applicable as informed by the Department was €24,000. The Department has now decided that the €14,000 threshold should be applicable. Our turnover is composed by the materials with an added value of services which makes our applicable threshold €24,000 not the €14,000*. Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud oppona ghall-appell tar-Rikorrent u talab li l-istess jigi michud stante li l-istima mahruga kontra r-Rikorrent ghall-perijodu ta' taxxa 01/01/2010-31/12/2010 kienet gusta u kien jisthoqqilha konferma.

Wara li l-partijiet kontendenti ressqu l-provi kollha taghhom u t-Tribunal sema' t-trattazzjoni finali dwar il-meritu[11], fis-seduta tat-9 ta' Ottubru 2014[12] il-Kummissarju tat-Taxxi ddikjara li l-istima mahruga kontra r-Rikorrent ghall-perijodu ta' taxxa 01/01/2010-31/01/2010, ossia l-istima meritu ta' dan l-appell, giet irtirata u b'Nota pprezentata fit-22 ta' Ottubru 2014[13] esebixxa rendikont aggornat tar-Rikorrent minn liema jirrizulta li l-imsemmija stima effettivament giet irtirata. Waqt is-seduta tat-13 ta' Novembru 2014[14] il-Kummissarju tat-Taxxi ddikjara li l-istima meritu ta' dawn il-proceduri giet iritrata mhux ghaliex id-Dipartiment accetta l-argument tar-Rikorrent dwar it-*threshold* li n-negozju tieghu jaqa' tahtha, izda ghaliex fil-fehma tieghu fil-hrug ta' tali stima huwa mexa b'mod *ultra vires*. Fid-dawl ta' tali dikjarazzjoni ir-Rikorrent talab li nonostante l-fatt li l-istima meritu ta' dawn il-proceduri giet irtirata mill-Kummissarju tat-Taxxi, it-Tribunal jaghti sentenza dwar l-aggravju principali tieghu rigwardanti l-kwistjoni tat-*threshold* li n-negozju tieghu jaqa' tahtha. Tali talba però giet michuda mit-Tribunal b'Digriet moghti fid-9 ta' Dicembru 2014[15] peress illi mill-gurisprudenza citata f'dak id-Digriet jirrizulta car li *una volta li l-istimi li jifformaw il-meritu ta' l-appell jigu fil-mori tal-proceduri kkancellati mill-Kummissarju tat-Taxxi, hekk kif gara fil-kaz in ezami, it-Tribunal huwa proceduralment prekluz milli jipprocedi ghad-definizzjoni tal-gudizzju b'dak il-mertu.*

In segiwtu ghall-imsemmi Digriet ir-Rikorrent iddikjara li filwaqt li l-meritu ta' l-appell ormai jinsab ezawrit, huwa jinsisti fuq il-kap ta' l-ispejje[16]z u ghalhekk din id-decizjoni tirrigwarda appuntu l-kap ta' l-ispejjez ta' dawn il-proceduri.

---

[11] Vide verbal tas-seduta tat-2 ta' Dicembru 2013, fol. 62 tal-process.
[12] Fol. 63 tal-process.
[13] Fol. 64 u 65 tal-process.
[14] Fol. 66 tal-process.
[15] Fol. 68 sa' 71 tal-process.
[16] Vide verbal tas-seduta tat-2 ta' Frar 2015, fol. 73 tal-process.

Fir-rigward ta' din il-kwistjoni partikolari, il-Kummissarju tat-Taxxi, tramite ix-xhieda ta' Roderick Sultana moghtija waqt is-seduta tat-30 ta' Marzu 2015[17], spjega r-raguni ghalfejn l-istima meritu ta' appell giet irtirata. Roderick Sultana xehed hekk: *Fil-kaz tas-Sur XXX u kif gara fil-kazijiet l-ohra fejn il-Kummissarju ra li xi hadd li qieghed taht Artikolu 11 deherlu li qabez it-threshold u allura kellu jdur ghall-Artikolu 10, il-Kummissarju ha azzjoni u ra kif ghamel biex jaqlibhom ghall-Artikolu 10 u dehrlu li dik il-move kien hemm difett legali fiha u ma kienx kopert bil-ligi specjalment minhabba li tista' tohrog stima provizorja biss lil xi hadd li qieghed taht Artikolu 10 u mhux Artikolu 11 voldiri biex tohroglu stima din trid tkun stima provizorja u stima provizorja tista' tohrogha lil xi hadd biss li huwa taht Artikolu 10. Ghaldaqstant f'dawn il-proceduri ma kienx hemm stadju ta' review fejn l-argumenti li gab is-sur Borg ma setghax igibhom mal-Kummissarju ghaliex dan l-istadju tar-review xorta ma sarx. Ghaldaqstant il-Kummissarju deherlu li jikkancella l-istima u ma waqafx hemm, rega' qieghed fl-istadju li jinhareg stima provvizorja jew inkella jerga' jibghat denunzja lit-tax payer u jghidlu jekk qed taqbel mieghi li inti qbizt it-threshold, aghtini d-denunzja llum, hallasni tal-VAT illum allura f'dak il-kaz ser ikollok reduction ta' imghax ghax ikun inezistenti ghaliex inti thallasha llum u jekk ma taqbilx ghandek access ghar-review. Jigifieri dik kienet ir-raguni ghalfejn il-Kummissarju ikkancella l-istejjem.* In kontro-ezami ghall-mistoqsija: *Inti semmejt difett legali, naqblu li dan id-difett legali gie kommess mill-Kummissarju fil-fatt?* Roderick Sultana, bla ebda ezitazzjoni ta' xejn wiegeb: *Mela dazgur.*

Minn din ix-xhieda johrog bic-car li l-Kummissarju tat-Taxxi iddecieda li jirtira l-istima mahruga fil-konfront tar-Rikorrent u formanti l-meritu ta' dawn il-proceduri ghaliex deherlu li dik l-istima kienet proceduralment vizzjata. Ghalkemm ormai huwa rikonoxxut li entro certu parametri l-Kummissarju tat-Taxxi ghandu d-diskrezzjoni li jikkancella stima/stimi mahruga fil-konfront ta' *taxpayer* u jekk ikun il-kaz u ghadu legalment possibbli johrog stima/stimi godda fil-konfront ta' dak it-*taxpayer*[18], dak l-istess *taxpayer* – fil-kaz in ezami r-Rikorrent – ma ghandux jbaghti l-ispejjez relattivi ghall-appell minnu intavolat minn dik l-istima issa irtirata meta dik l-istess stima giet hekk irtirata ghaliex proceduralment vizzajta. Bazikament it-*taxpayer*, f'dan il-kaz ir-Rikorrent, ma ghandux ibaghti spejjez minhabba zball tal-Kummissarju tat-Taxxi.

B'hekk filwaqt li t-Tribunal itenni li bl-irtirar ta' l-istima mahruga kontra r-Rikorrent ghall-perijodu ta' taxxa 01/01/2010-31/12/2010 il-meritu ta' l-appell odjern jinsab ezawrit u ghalhekk ma hemmx lok li jiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tar-Rikorrent, l-istess Rikorrent huwa gustifikat f'li jinsisti fuq il-kap ta' l-ispejjez.

---

[17] Fol. 75 u 76 tal-process.

[18] Vide ad ezempju A.B. v. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, Rik. Nru. 11/08, deciz mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fit-13 ta' Frar 2008, Kaz. 214 – Decisions of the Court of Appeal, Vol. 5 pg.29.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal filwaqt li jtenni li bl-irtirar ta' l-istima mahruga kontra r-Rikorrent ghall-perijodu ta' taxxa 01/01/2010-31/12/2010 il-meritu ta' l-appell odjern jinsab ezawrit u ghalhekk ma hemmx lok li jiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tar-Rikorrent, jiddikjara li fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz l-ispejjez ghandhom jigu sopportati interament mill-Kummissarju tat-Taxxi.

A tenur ta' l-Artikolu 2(4) tad-Disa' Skeda tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jordna li kopja ta' din is-sentenza ghandha tigi notifikata lir-Rikorrent.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**